

- 2) Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, l-Artikolu 6(2)(b) [li issa sar l-Artikolu 26(1)(b)] għandu jiġi interpretat fis-sens li jirrikjedi li l-għoti tal-vawcér lill-impiegat minn min iħaddem, skont il-kuntratt ta' impieg, għandu jitqies bħala provvista ta' servizzi, fċirkustanzi fejn il-vawcér għandu jintuża mill-impiegat għar-raġunijiet privati tiegħu?
- 3) Jekk l-għoti tal-vawcér la huwa provvista ta' servizzi magħ-mula bi ħlas skont l-Artikolu 2(1) u lanqas ma għandu jitqies bħala provvista ta' servizzi taħt l-Artikolu 6(2)(b), l-Artikolu 17(2) [li issa sar l-Artikolu 168] għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti lil min iħaddem jirkupra t-taxxa fuq il-valur miżjud li huwa ħallas meta xtara u ta' l-vawcér lill-impiegat, skont il-kuntratt ta' impieg, fċirkustanzi fejn il-vawcér għandu jintuża mill-impiegat għall-raġunijiet privati tiegħu?

(<sup>1</sup>) Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġiġiet tal-istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, p. 1)

sabiex tagħżej bastimenti, li mhumiex bastimenti tas-sajd u opri ta' rikreazzjoni awtorizzati li jġorru mhux iktar minn 12-il passiġġier, li għandhom ikunu suġġetti għal spezzjoni.

l-Artikolu 11(2)(c) tad-Direttiva 2000/59 jipprovd li jekk l-awtorità rilevanti ma tkunx sodisfata bir-riżultati ta' spezzjoni, għandha tiżgura illi l-bastiment ma jħallix il-port qabel ma jkun ikkunsinna l-iskart igġġenerat mill-bastimenti u l-fidaliżji mill-merkanzija f'faċilità ta' akkoljenza tal-port skont l-Artikoli 7 u 10.

Ir-Repubblika tal-Estonja sostniet l-intenzjoni tagħha li tikkompleta l-leġiżlazzjoni Estonjana sabiex tittrasponi korrettament dawn id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva. Il-Kummissjoni m'għand-hiex informazzjoni rigward l-adozzjoni ta' dawn l-emendi.

(<sup>1</sup>) ĠU L 332, p. 81.

## Rikors ippreżentat fit-30 ta' Jannar 2009 – Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika tal-Estonja

(Kawża C-46/09)

(2009/C 90/18)

Lingwa tal-kawża: L-Estonjan

### Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: E. Randvere u K. Simonsson)

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Estonja

### Talbiet tar-rikorrenti

— tikkonstata li, peress li naqset milli tittrasponi korrettament fid-dritt nazzjonali d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/59/KE (<sup>1</sup>) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-27 ta' Novembru 2000 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart igġġenerat mill-bastimenti u għall-fidaliżji mill-merkanzija, ir-Repubblika tal-Estonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2000/59/KE;

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Estonja għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Mill-Artikolu 11(2)(a) tad-Direttiva 2000/59 jirriżulta li r-Repubblika tal-Estonja għandha l-obbligu li tistabbilixxi kriterji

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn Stockholms tingsrätt (l-Iżvizzera) fis-6 ta' Frar 2009 – Konkurrensverket vs TeliaSonera Sverige AB

(Kawża C-52/09)

(2009/C 90/19)

Lingwa tal-kawża: L-Iżvediż

### Qorti tar-rinviju

Stockholms tingsrätt

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Tele2 Sverige Aktiebolag

Konvenuta: TeliaSonera Sverige AB

### Domandi preliminari

- 1) Taħi liema kundizzjonijiet jista' jkun hemm ksur tal-Artikolu 82 KE bbażat fuq id-differenza bejn il-prezz li bih impriżza dominanti integrata vertikalment tbiegħ provvisti ta' servizzi intermedjarji ADSL lil kompetituri tagħha u l-prezz li bih hija tbiegħhom lil klijenti finali?
- 2) Sabiex tingħata risposta għall-ewwel domanda, huma biss il-prezzijiet applikati mill-impriżza dominanti fir-rigward tal-klijenti finali tagħha li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni jew jeħtieġ li jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll prezziżjiapplikati mill-kompetituri tagħha fis-suq tal-klijenti finali?

- 3) Il-fatt li l-impriża dominanti m'għandhiex obbligu leġiż-lattiv li tipprovd servizzi intermedjarji, iżda ddeċidiet li tagħmel dan volontarjament, għandu effett fuq ir-risposta għall-ewwel domanda?
- 4) Sabiex il-prattika deskritta fl-ewwel domanda tkun meqjusa bħala abbużiva, jeħtieġ li din ikollha effetti li jirristringu l-kompetizzjoni u, jekk dan ikun il-każ, dawn kif jistgħu jiġu stabbiliti?
- 5) L-importanza tas-setgħa tas-suq li tgawdi minnha l-impriża dominanti għandha effett fuq ir-risposta għall-ewwel domanda?
- 6) Sabiex il-prattika deskritta fl-ewwel domanda tkun meqjusa bħala abbużiva, jeħtieġ li l-impriża li adottata jkollha pożizzjoni dominanti kemm fis-suq tal-intermedjarji kif ukoll fis-suq tal-klijenti finali?
- 7) Sabiex il-prattika deskritta fl-ewwel domanda tkun meqjusa bħala abbużiva, jeħtieġ li l-prodott jew is-servizz provdut mill-impriża dominanti jkun indispensabbi?
- 8) Il-fatt li l-kunsinna hija lil klijent ġdid għandu effett fuq ir-risposta għall-ewwel domanda?
- 9) Sabiex il-prattika deskritta fl-ewwel domanda tkun meqjusa bħala abbużiva, jeħtieġ li l-impriża dominanti jkollha probabbiltà li tirkupra t-telf tagħha?
- 10) Il-fatt li hija involuta teknoloġija ġidida f-suq, li teħtieġ investimenti kbar ħafna, għandu effett fuq ir-risposta għall-ewwel domanda, pereżempju minħabba spejjeż rägo-nevoli ta' stabbiliment u l-eventuali neċessità ta' bejgħ b'telf matul il-fażi ta' stabbiliment?

**Talba għal deċiżjoni preliminari m'ressqa mill-House of Lords (Ir-Renju Unit) fis-6 ta' Frar 2009 – Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs vs Loyalty Management UK Limited**

**(Kawża C-53/09)**

(2009/C 90/20)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

## Qorti tar-rinvju

House of Lords

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Commissioners for Her Majesty's Revenue and Customs

Konvenuta: Loyalty Management UK Limited

### Domandi preliminari

Fiċ-ċirkustanzi fejn persuna taxxabbli (iktar 'il quddiem il-“Promotur”) teżerċitā attivită kummerċjali fejn tamministra skema ta’ premji għal lealtà għal diversi klijenti parteċipanti (iktar 'il quddiem l-“Iskema”), li permezz tiegħu il-Promotur jidħol f'diversi ftehim kif ġej:

- i) Ftehim ma' diversi kumpanniji msejħa “Sponsors” li jipprovd li l-isponsers jagħtu “Punti” lill-klijenti tal-Isponsers (iktar 'il quddiem il-“Kolletturi”) li jixtru oggettli jew servizzi mill-Isponsers u l-Isponsers jagħmlu ħlasijiet lill-Promotur;
  - ii) Ftehim mal-kolletturi li jinkludu dispożizzjonijiet li, meta jixtru oggettli u/jew servizzi mill-Isponsers, huma jirċievu Punti li jistgħu jsarrfu għal oggettli u/jew servizzi; u
  - iii) Ftehim ma' diversi kumpanniji (imsejħa “Fornituri”) li jipprovd li l-Fornituri jaċċettaw, fost l-oħrajn, li jipprovd oggettli u/jew servizzi lil Kolletturi għal prezzi li huwa inqas milli kieku jkun pagħabbli jew għal ebda ħlas meta l-Kollettur isarraf il-Punti u min-naħa tiegħu il-Promotur iħallas “Ħlas għas-Servizz” li huwa kkalkulat skont in-numru ta' Punti li jistgħu jissarrfu ma' dak il-Fornituri matul il-perijodu rilevanti.
- 
- 1) Kif għandhom jiġi interpretati l-Artikoli 14, 24 u 73 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE<sup>(1)</sup> tat-28 ta' Novembru 2006 (li qabel kienu l-Artikoli 5, 6 u 11(A)(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977<sup>(2)</sup>) fil-każ fejn il-ħlasijiet isiru mill-Promotur lill-Fornituri?
  - 2) B'mod partikolari, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġi interpretati bħala li l-ħlasijiet bħal dawk li jsiru mill-Promotur lill-Fornituri għandhom jiġi kkunsidrati bħala:
    - (a) korrispettiv biss għall-provvista ta' servizzi mill-Fornituri lill-Promotur; jew
    - (b) korrispettiv biss għall-provvista ta' oggettli u/jew servizzi mill-Fornituri lill-Kolletturi; jew